MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 182/2003

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
Vs
Victor Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) F'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Settembru, 1999 u fl-ahhar xhur qabel din id-data, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939, ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni

ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bil-ksur tar-Regolamenti 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati bi skur ta’ l-Ordinanza Dwar il-medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Talli nhar il-25 ta’ Settembru, 1999, f’xi hin wara nofsinhar, fil-Mosta kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini perikoluzi, Kap. 101, tal-Ligijiet ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939, ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi skur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939( kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) Talli fit-28 ta’ Settembru, 1999, ghall-habta ta’ 12.20 a.m. fl-Ghassa tal-Pulizija f’Tas-Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli w cioe’ hsarat fis-sistema ta’ l-elettriku tac-cella fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ tas-Sliema, liema hsara l-ammonti taghha ma jiskorriex il-hamsin lira (LM50), imma kien izjed minn ghaxar liri (LM10) u dan ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta;

4) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kif ukoll fl-istess jum ghall-habta tal-11.00 p.m. fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ingurja jew hedded diversi ufficjali tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-

servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
5) Talli fl-istess jum, fl-Ghassa tal-Pulizija f’Tas-Sliema, ghall-habta ta’ 12.20 a.m. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku (diversi ufficjali tal-Pulizija), fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;
6) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxen jew indicenti, liema kliem oxen jew indicenti jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta’ dagha, jew b’xi mod iehor li mhux provdut f’dan il-Kodici, offenda l-morali l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;
7) Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi rrifjuta jaghti lill-ufficjal pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra;
8) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor;
9) U fl-ahhar nett talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn huwa gie misjub hati w ikkundannat ghal reat b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8.3.99 liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Settembru, 2003, li biha, wara li rat l-Artikoli 325 (c), 95, 338 (g), 338 (m), 17, 49, 50 u 31 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati tat-tielet, ir-raba, is-sitt, is-sebgha w t-tmien akkuza kif ukoll hati talli huwa recidiv filwaqt li illiberatu mill-ewwel u t-tieni akkuza u dwar il-hames akkuza astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni taghha, w ikkundannatu multa ta’ LM400 li ghandhom jigu konvertiti fi tlett xhur prigunerija fin-nuqqas ta’ pagament mhux aktar tard minn xahar fit-termini tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 t’Ottubru, 2003, li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma w tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent mhux hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni tirrevoka,

thassar u tikkancella l-istess sentenza fil-kumplament taghha w konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta sabet lill-appellant hati tat-tielet , ir-raba , is-sitt , is-seba' w t-tmin akkuza w konsegwentement tar-recidiva w dana ghas-sewmplici fatt li meta sar ir-rinviju ghall-gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali , nhar it-28 ta' Dicembru, 2000, (fol. 113), l-Avukat Generali baghat biss il-kontro-ordni fit-termini tal-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 31 tal-Kap.101 . B'hekk ma gew indikati ebda artikoli ohra tal-ligi li a bazi taghhom setghet tinstab htija . Konsegwentement l-Ewwel Qorti setghet timxi biss fuq l-imputazzjonijiet koncernanti l-Kap.101. Illi l-appellant zied jghid li l-artikolu 403 tal-Kap.9 mhux applikabbli f'dan il-kaz wara li saru pluralita' ta' rinviji fit-termini tal-artikolu 405 tal-Kap.9. Illi bil-fatt ukoll li nhareg kontr-ordni fit-termini tal-Kap.31(sic!) bl-ebda mod ma jiddispensa lill-Avukat Generali mill-htiega li jindika l-artikoli rilevanti tal-ligi li a bazi taghhom tista' tinstab htija dwar dawk l-akkuzi l-ohra li ma jikkostitwux ksur tal-Kap.101.

Rat il-verbal registrat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2003 li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza , interpellati mill-Qorti jekk kienx hemm ghalfejn li mal-kontro-ordni taht il-Kap.101, l-Avukat Generali kellux ghalfejn jindika l-Artikoli ta' l-istess Kap. li tahthom setghet tinstab htija, iddikjaraw li jaqblu li ma kienx hemm ghalfejn li dan isir u li l-Ewwel Qorti setghet ghalhekk tiddeciedi l-metru tal-ewwel u t-tieni akkuza.

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih iddikjarat li jirrizulta li l-artikoli ma gewx indikati lill-Ewwel Qorti , izda, jekk dan ghandu jimporta xi konsegwenza, dan jista' biss talvolta jwassal ghan-nullita' ta' dik il-parti tas-sentenza stante li l-Ewwel Qorti f' dan l-istadju ma kienetx kompetenti li tiddeciedi l-kaz.

Rat il-verbal tad-Difiza li bih issottomettiet illi huwa rilevanti l-punt jekk l-akkuzi l-ohra li dwarhom il-Qorti sabet htija kienux jaqghu taht il-kompetenza taghha ad ogni caso ghaliex ladarba kienu migjuba ‘l quddiem ma akkuzi ohra li jezorbitaw il-kompetenza originali , allura bil-fors li jkollna nimxu bir-regoli tal-kumpilazzjoni .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-aggravju li huma purament t’ indoli legali kienu s-segwenti. L-appellant kien tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-10 ta’ Novembru, 1999. Hu gie akkuzat b’ zewg reati li jaqghu taht il-Kapitolu 101 u r-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1930), sitt reati li jaqghu taht il-Kodici Kriminali w l-addebitu tar-recidiva. (fols 1 u 2) Fost ir-reati tal-Kodici Kriminali kien hemm uhud ta’ natura delittwuza li ma jeccedux il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali skond l-artikolu 370 (1) tal-Kap. 9 ghax il-piena karcerarja preskritta ghalihom ma teccedix is-sitt xhur habs u ohrajn ta’ natura kontravvenzjonali. Kien hemm reat wiehed pero’ w cioe’ dak kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali w fil-hames akkuza ta’ attakk u rezistenza li kien jeccedi l-kompetenza ordinarja ta’ dik il-Qorti.

Fl-istess data tal-prezentata giet esebita l-ordni tal-Avukat Generali skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap.101 biex l-appellant jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza. (Fol. 9) Fil-kors tal-ezami tal-appellant ghall-fini tal-artikolu 370 (4) 390 u 392 , meta hu gie mistoqsi jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja , huwa wiegeb li “jirrizerva”. (fol. 10)

Fis-26 ta’ Novembru, 1999 , inghalqet il-kumpilazzjoni w l-Ewwel Qorti baghtet lill-appellant biex joqghod taht att t’ akkuza quddiem il-Qorti kompetenti w ordnat li l-attijiet tal-kumpilazzjoini jintbaghtu lill-Avukat Generali.(Fol. 64) Dan kien segwit minn sensiela ta’ rinviji skond l-artikolu 405 tal-Kap.9 da parti tal-Avukat Generali (Fol. 65) fejn ripetutament talab li jinstemghu xi xhieda ohra . Dawn baqghu jissucciedu sat-28 ta’ Novembru, 2000 (Fol.113) meta l-Avukat Generali baghat kontra-0rdni bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) fejn ordna li l-appellant jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza w ghalhekk baghat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-appellant quddiem l-istess Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali w dana billi ddecieda li ma jqieghedx lill-appellant taht att t’akkuza ghax kienu jonqsu cirkostanzi li jaghmlu l-htija ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali.

Meta l-Ewwel Qorti rceviet din il-kontro-ordni , rriappuntat il-kawza ghat-22 ta’ Jannar, 2001 u peress li dak in-nhar l-appellant ma deherx , il-Qorti semplicement irravvizat li l-Avukat Generali kien hareg il-kontro-ordni biex il-kawza tinstema’ quddiemha w ordnat li l-kawza tigi differita ghall-21 ta’ Frar, 2001. F’dik is-seduta, meta allura dehru l-appellant u d-difensur tieghu, nqrat il-kontro-ordni mibghuta mill-Avukat Generali w , fuq talba tad-difiza, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-20 ta’ Marzu, 2001. Ma jidher li sar xejn aktar dak in-nhar , ghall-inqas skond il-verbal a fol. 115.

Minn hawn il-quddiem kien hemm sensiela esageratament twila w bla ebda gustifikazzjoni xierqa ta’ differimenti li saru in gran parti jew ghax l-appellant ( li suppost kien bil-liberta’ provizorja w ergo suppost li kien obbligat li jidher dejjem ) ma deherx jew ghax l-avukat tieghu talab differiment. Kien hemm ukoll xi ftit differimenti li saru ghax il-Qorti kienet indisposta.

Fl-ahhar fit-13 ta’ Frar, 2003 u wara kwazi **SENTEJN** li fihom ma sar xejn , l-Ewwel Qorti hasset li kellha tiddiferixxi ghad-9 t’ April, 2003, ghall-**AHHAR DARBA** ghall-provi tad-difiza b’intiza cara li wara dak in-nhar , il-kawza tmur ghas-sentenza w ordnat mandat t’ arrest li kien diga “in vigore” kontra l-appellant. (fol.137). B’dana kollu, minkejja l-mandat, l-appellant rega’ ma deherx fis-seduta tad-9 t’ April, 2003. Izda l-Ewwel Qorti ma hadet ebda provvediment kontra tieghu w semplicement regghet iddifferiet il-kawza ghat-2 ta’ Lulju, 2003 ghall-provi tad-difiza. Dak in-nhar (fol. 140) gie verbalizzzat li deher l-appellant u xehed w l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Settembru, 2003, bil-fakolta’ li l-prosekuzzjoni taghmel nota t’ osservazzjonijiet u lid-difiza li tirrispondi. Il-kawza ma gietx deciza fil-25 ta’ Settembru, izda fit-30 ta’ Settembru, 2003.

Illi minn ezami akkurat tal-verbali kollha ma jirrizultax li l-Avukat Generali , barra l-kontrordni fuq imsemmija ) kien ghamel xi nota li tirrigwarda r-reati li jaqghu taht il-Kodici Kriminali, kif kellu dritt li jaghmel skond l-artikolu 370 (3)(a).

Pero’ hemm nuqqas serju iehor li jipprejokkupa lil din il-Qorti w cioe’ li l-appellant qatt ma ta l-kunsens tieghu biex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja w dan minkejja li wiehed mir-reati dedott kontra tieghu fl-akkuza originali – l-hames imputazzjoni - kienet teccedi l-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Di fatti l-artikolu 370 (3) (b) u ( c ) jiddisponi li l-akkuzat jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz fejn il-piena teccedi s-sitt xhur prigunerija izda mhux l-ghaxar snin , **biss jekk hu ma joggezzjonax li jsir dan** , wara li dik il-Qorti tkun staqsietu jekk ghandux tali oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja w tatih zmien xieraq biex jirrispondi . Il-Qorti umbaghad, jekk l-akkuzat iwiegeb li m’ghandux oggezzjoni, **ghandha tinnota it-twegiba fil-process** u malli taghmel hekk , il-Qorti issir kompetenti li tittratta l-kaz tal-akkuzat u ghandha tati s-sentenza minufieh, kif provvdut fl-artikolu 377 tal-Kap.9.

Tali kunsens tal-akkuzat huwa mehtieg anki meta l-Avukat Generali jaghmel kontro-ordni skond l-artikolu 31 tal-Kap.101 , ghaliex l-akkuzat xorta wahda jibqalu d-dritt li jaghzel li jigi processat quddiem il-Qorti Kriminali bi jew minghajr guri.

Minkejja dan kollu pero' jidher li l-Ewwel Qorti, jew bi zvista kagjonata mill-fatt kif il-process thalla jitwal inutilment jew minhabba xi impressjoni zbaljata li seta' kellha, ma ghamlet xejn biex tikseb il-kunsens tal-akkuzat qabel ma tipprocedi bis-smiegh tal-kawza fil-kompetenza w l-funzjoni taghha ta' qorti ta' gudikatura kriminali .

Gara umbaghad li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti xorta wahda nvestiet kemm l-akkuzi li jaqghu taht il-Kap.101 minkejja li dawn kienu igibu piena in eccess ghal sitt xhur prigunerija , l-akkuza ta' attakk u rezistenza li kienet iggib piena ta' bejn erba xhur sa sena prigunerija skond l-artikolu 96 (a) tal-Kap.9 kif ukoll ir-reati l-ohra li bihom gie akkuzat l-appellant li kienu jaqghu taht il-kompetenza ordinarja ta' dik il-Qorti.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li qabel ma tinvesti l-aggravju tal-appellant dwar in-nuqqas ta' senjalazzjoni tal-artikoli li jirrigwardaw ir-reati taht il-Kodici Kriminali trid bil-fors li tidhol fil-kwistjoni tar-regolarita' o meno tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti mill-istadju fejn sar il-kontro-ordni 'l quddiem .

Fil-fehma ta' din il-Qorti , appena l-Ewwel Qorti rceviet il-kontro-ordni w fl-ewwel udjenza li l-appellant kien jindenja ruhu li jidher, dik il-Qorti kellha tistaqsieh jekk kienx qed jaghti l-kunsens tieghu rikjest ghall-fini tal-artikolu 31 tal-Kap.101 u l-artikolu 370 tal-Kap.9 .

Bil-fatt li dan ma sarx u baqa' ma sar qatt wara minkejja d-differimenti numeruzi li saru , jigi li l-ewwel Qorti qatt ma kienet saret kompetenti biex tiggudika l-kaz u ghalhekk dak kollu li sar fil-process minn fol. 115 meta nqrat il-kontro-ordni fil-prezenza tal-appellant l-quddiem , inkluza d-depozizzjoni tal-appellant u s-sentenza appellata , huwa null u bla effett .

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tiddikjara l-proceduri kollha li saru mid-data tal-kontrordni tal-Avukat Generali ‘l quddiem , inkluza s-sentenza appellata, nulli u bla effett , ghax la ma inkisibx il-kunsens tal-appellant biex hu jigi gudikat minn dik il-Qorti , dik il-Qorti ma kienetx kompetenti u ghallhekk a tenur tal-artikolu 428(1) tal-Kap.9 qed thassar is-sentenza appellata w tibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati biex tipprocedi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------